# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta' l-10 ta' Jannar 2023

Kump. Numru 1076/2013 YMS

**Il-Pulizija**

**[Spettur Saviour Baldacchino]**

**vs**

**Andre Falzon**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi:

Andre Falzon, iben Desmond u Helena xebba Baldacchino, imwieled il-Pietà nhar is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) u resident CCF, Paola u detentur tal-karta tal-identità Numru 401286M,

Akkuzat talli:

1. **Nhar is-27 ta' Mejju 2011 għall-ħabta tat-tmienja u kwart ta' fil-ghaxija (20:15) gewwa garage fi Triq il-Gazzija, Birkirkara, ikkommetta serq ta' diversi oggetti ohra ghad-dannu ta' Anthony u Luke Muscat u jew ta' persuna/i ohra; liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur li ma jeccedix is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bi ksur tal-Art. 263, 264 (1), 267 u 270 tal-Kap. 9.**

2. **Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi rendejt ruhek recidiv skond sentenzi moghtija lilek, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur tal-Art. 49, 59 u 289 tal-Kap. 9.**

Rat in-nota bil-kunsens tal-Avukat Generali tat-30 ta' Ottubru 2013 sabiex, ai termini tal-Artikolu 370 (4) tal-Kap. 9, il-kaz jigi ttrattat bi procedura sommarja;[1]

Rat li l-imputat kien wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih waqt is-seduta tal-4 ta' Frar 2014;[2]

Rat id-dikjarazzjoni tal-Imputat li m'ghandux oggezzjoni li jigi gudikat minn din l-Onorabbli Qorti;[3]

Semghet ix-xiehda viva voce prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Rat li l-Imputat ghazel li jixhed fis-seduta li nzammet nhar it-22 ta' Ottubru 2019;[4]

Ezaminat ir-relazzjoni tal-espert PS 1184 Patrick Grech[5] li ikkonsista primarjament f'ritratti tal-garage minn barra u minn gewwa, u r-relazzjoni ta' l-espert tal-impronti digitali Joseph Mallia;[6]

---

[1] A fol. 17 tal-process
[2] A fol. 19
[3] A fol. 19
[4] A fol. 106 sa fol. 114
[5] A fol. 27
[6] A fol. 68 sa fol. 95

Rat il-verbali taghha tal-5 ta' Ottubru 2022 u s-6 ta' Dicembru 2022 dwar l-gheluq tal-provi.
IKKUNSIDRAT:

Illi din il-kawza si tratta dwar serqa ta' oggetti li sehhet nhar is-27 ta' Mejju 2011 ghall-habta tat-tmienja u hmistax-il minuta ta' fil-ghaxija (8:15 pm) minn garage li jinsab fi Triq il-Gazzija, Birkirkara, ghad-dannu ta' Anthony Muscat u Luke Muscat. Nhar is-27 ta' Mejju 2011 mar jaghmel rapport li dak inhar huwa kien fi Triq Gazzija, Birkirkara bil-vettura tieghu pparkjata faccata tal-garage hu u jwiegeb il-mobile phone tieghu meta lemah zewgt irgiel jimxi b'pass maghaggel lejn Triq l-Imsida Birkirkara u f'idejn wiehed minnhom gharaf il-basket tal-laptop tat-tifel tieghu, Luke Muscat. Huma rikbu vettura u telqu minn fuq il-post. Dan il-laptop kien jinzamm fil-garage. Huwa ttawwal lejn il-garage u rah mixghul. Meta mar jittawwal il-garage sab li kien sar l-isgass u li kien naqas il-laptop u nnota xi taqlib iehor. Skont ir-rapport, il-Pulizija Ezekuttiva kkonfermat dan kollu meta accediet fuq il-post de quo.[7]

IKKUNSIDRAT

Luke Muscat xehed huwa kien rikoverat l-isptar meta saret is-serqa de quo. Huwa qal li li l-garage kien ta' missieru Anthony Muscat. Gol-garage kellu l-affarijiet li jappartjenu lilu. Huwa qal li kienu nsterqulu laptop, xi arloggi xi nuccali li skont hu jaqbzu l-valur ta' elfejn tliet mija u tlieta u tletin Euro. Huwa qal li kien jaf lill-Imputat, Andre Falzon, bhala l-habib tieghu, identifikat fl-awla waqt is-seduta tal-25 ta' Jannar 2017. Meta l-din l-Onorabbli Qorti staqsietu jekk qattx dahhal lill-Imputat mieghu fil-garage, huwa wiegeb li: "*Hadd qatt ma dahal, hlief jien u missieri.*" Huwa qal li l-garage kien ta' missieru meta kien gie mistoqsi ghaliex ma kienu jdahhlu lil had fil-garage. Fih kienu jzommu l-go-carts u affarijiet tal-inginerija tal-carting. Lil missieru ma kien naqaslu xejn mill-garage.

PS Patrick Grech xehed nhar it-28 ta' Ottubru 2015 u pprezenta r-ritratti dwar is-serqa li kienet saret mill-garage de quo.[8] Huwa kkonferma bil-gurament li ha dawn ir-ritratti.

PS6 Duncan Demicoli xehed li nhar is-27 ta' Mejju 2011 kien gie mitlub mill-Ispettur Silvana Zrinzo Azzopardi sabiex jaccedi gewwa garage fi Triq

[7] A fol. 13 sa fol. 16
[8] A fol. 28 sa fol. 34

Garzia, Birkirkara biex jaghmel xoghol ta' fingerprints. Huwa qal li tella diversi marki minn fuq kaxxa ta' mobile phone tad-ditta Motorola, helmet u xi laned li kienu jinsabu fil-garage de quo. Mistoqsi mill-Qorti jekk l-Imputat kienx prezenti meta Eleva l-impronti, ix-xhud wiegeb li ma kienx ftakar.

Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2017, din l-Onorabbli Qorti nnominat lil Joseph Mallia sabiex seduta stante jiehu l-impronti digitali tal-Imputat u jaghmel komparazzjoni bejn l-impronti esebiti minn PS 6 Duncan Demicoli u dawk li gew elevati mill-Imputat. Fis-seduta tal-15 ta' Frar 2017 Joseph Mallia halef li fuq inkarikgu ta' din il-Qorti ha seduta stante kopja tal-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-Imputat, Andre Falzon.[9] Fis-seduta tas-26 ta' April 2017 huwa fisser l-inkarigu tieghu u qal li "*Bhala konkluzzjonijiet kien hemm impronti li kienu tajbin ghall-fini ta' komparazzjoni u ohrajn li ma kienux. Wahda mill-impronti li kienet tajba ghall-fini ta' komparazzjoni ma kienitx taqbel mal-impronti ta' Andre Falzon, pero' d-dokument 304 kien hemm 2 impronti, wahda minnhom taqbel u ghalhekk hija kompatibbli, kif ukoll identika mas-sugha l-kbir ta' id-ix-xellugija, kif ukoll l-impronta l-ohra mas-subgha l-kbir tal-id il-leminija tal-istess Andre Falzon. Dwar dan jiena ghamilt ir-rapport tieghi, wkoll faxxiklu fotografiku li na nesebixxi llum u kopja ta' dan il-faxxiklu fotografiku u r-rapport fuq cd, ha nghaddiha lid-difiza ghall-fini ta' kontroll.*" Huwa gharaf lill-Imputat bhala l-istess persuna li huwa kien hadlu l-impronti digitali fis-seduta tal-15 ta' Frar 2017. Huwa pprezenta r-rapport dwar l-ezami komparattiv tal-impronti digitali immarkat bhala document JM[10]

IKKUNSIDRAT

Fis-seduta li nzammet nhar it-22 ta' Ottubru 2019, l-Imputat xehed bil-gurament li huwa kien jaf lil Luke Muscat u lil huh, Joseph Muscat. Huwa qal li lil missierhom, Anthony Muscat, kien sar jafu l-habs. Huwa qal li jaf liema hu l-garage de quo u "*ghax gieli dhalt ma' Luke Muscat u habib tieghu li sirt nafu through him.*" Huwa qal li f'dan il-garage kien dahal darbtejn jew aktar. Huwa ddeskriva l-garage de quo[11] Huwa qal li ra l-oggetti li kienu mizmuma fil-garage meta dahal ma' Luke Muscat. Huwa cahad li seraq minn dan il-garage. Meta l-Qorti staqsietu ghaliex kien dahal fil-garage permezz tal-avukat difensur ghazel li ma jwiegibx peress li r-risposta tieghu

---

[9] A fol. 60 u fol. 61
[10] A fol. 68 sa fol. 95
[11] A fol. 107

tista' tinkrimnah fuq kaz li ma kellux x'jaqsam mal-kaz odjern. Ix-xhud qal li huwa kien dahal fil-garage fis-sena 2010. L-Imputat sostna li qatt ma kien dahal fil-garage wahdu izda kien dahal fil-garage de quo ma' Luke Muscat u u habib ta' dan tal-ahhar.

IKKUNSIDRAT

Din l-Onorabbli Qorti ghandha kaz ta' serq li sehh nhar is-27 ta' Mejju 2011 u li l-proceduri kontra l-Imputat kienu ngiebu quddiemha iktar minn sentejn wara, u cioé, nhar it-30 ta' Ottubru 2013. Ghalkemm din il-Qorti ghandha r-Rapport redatt mill-Pulizija Ezekuttiva[12] wara li kien mar jaghmel rapport Anthony Muscat allegatament il-proprjetarju tal-garage de quo, dan is-Sid ma xehedx f'dan il-proceduri. Din il-Qorti semghet biss lil ibnu, Luke Muscat ifissrilha li l-garage kien proprjetà ta' missieru minn fejn kien jitmexxa negozju li n-natura tieghu ma kienx gie zvelat f'dawn il-proceduri. Skont ir-rapport, Anthony Muscat qal lill-Ufficjali tal-Pulizija li "*kien ittiehed l-imsemmi laptop, kif ukoll gie nnutat xi taqlib iehor.*" Fix-xiehda tieghu, Luke Muscat qal li kienu nsterqu l-affarijiet tieghu li kien izomm fil-garage u li kienu jikkonsistu fil-"laptop zgur" u "xi arloggi, xi nuccali". Ghalkemm ix-xhud semma li dawn l-oggetti kellhom valur ta' aktar minn elfej tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u tmienja u tletin centezmu (€2,329.37). Ebda inventarju tal-oggetti li gew misruqa ma gie pprezentat lil din l-Onorabbli Qorti u lanqas xi ghamla ta' dokumentazzjoni ohra li setghet turi d-ditta minn fejn kienu nxtraw u/jew il-marka ta' dawn l-oggetti sabiex jigi stabbilit lil min verament kienu jappartjenu u x'kien verament il-valur taghhom allegat mix-xhud, Luke Muscat. Din il-Qorti m'ghandhiex il-prova necessarja ta' x'verament gie misruq, ir-rapport tal-Pulizija Ezekuttiva jikkwota lil Anthony Muscat li kien qal lill-ufficjali li kien il-laptop tat-tifel li kien intstera u kien hemm taqlib filwaqt li Luke Muscat ikkonferma li kien insteraqlu l-laptop izda wera nuqqas ta' certezza meta qal "*xi arloggi, xi nuccalijiet*" oggetti li missieru ma kienx irraporta lill-Ufficjali tal-Pulizja.

Din il-Qorti semghet lil Luke Muscat jixhed li fil-garage de quo ma kien jidhol had hlief missieru u ibnu, Luke Muscat.[13] L-istess Luke Muscat ighid li l-Imputat "Qatt ma' gie fil-garaxx mieghi".[14] Min-naha l-ohra, l-Imputat xehed li fis-sena 2010 kien mar il-garage flimkien ma' Luke Muscat u persuna li l-Imputat ma identifikax izda li kienet habib ta' Luke Muscat. L-

---

[12] A fol. 15
[13] A fol. 53
[14] A fol. 55

Imputat qal li kien dahal fil-garage "*darbtejn jew aktar*".[15] Huwa ddeswkriva fid-dettal fejn jinsab il-garage u x'affarijiet kienu jinzammu fl-istess garage.[16] Ghalhekk, din l-Onorabbli Qorti hija ffaccjata minn zewg verzjonijiet kontrastanti. Ma sar ebda konfront bejn Luke Muscat u l-Imputat biex jigi stabbilit min minnhom kien qieghed ighid il-verità dwar min kien accessa l-garage u meta dak li jkun kien dahal fih.

Dak in-nhar li kienet saret is-serqa, kienu gew elevati impronti digitali inter alia minn fuq kontenitur tal-mobile phones li kien jinsab fl-ixkaffa ta' isfel ta' gwardarobba li kienet parti mill-ghamara li kien hemm fil-garage.[17] PS 6 Duncan Demicoli xehed li kien hu li eleva l-impronti digitali minn fuq kaxxa tal-mobile li erronjament iddeskriviha bhal tal-marka Motorola mentri fir-ritratti tas-scene of the crime il-kaxxa tidher li hija tan-Nokia 5300. Fuq ordni tal-Qorti fis-seduta tal-15 ta' Frar 2017 u seduta stante Joseph Mallia fuq inkarigu ta' din l-istess Qorti, ha l-impronti digitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-Imputat, Andre Falzon u wara li kkomparahom mal-impronti li kienu gew elevati dak inhar tas-serqa, sab li l-impronti digitali li kienu gew elevati mill-kaxxa tan-Nokia 5300 kienu identici ma' dawk tal-Imputat.[18] L-Imputat meta xehed ma giex mistoqsi jfisser lil din l-Onrabbli Qorti kif dawn l-impronti tieghu sabu rwiehek fuq dik il-kaxxa.

Ghal din il-Qorti ma tirrizultalha ebda prova ta' meta l-impronti digitali tal-Imputat sabu rwiehhom fuq il-kaxxa tal-mobile phones, jekk kinux saru fid-darbtejn jew aktar li l-Imputat zar il-garage akkumpanjat minn Luke Muscat u persuna ohra jew dak in-nhar tas-serqa.

Ghalhekk, din il-Qorti in vista ta' dawn l-inkonsistenzi u kuntrasti fil-provi prodotti specjalment dwar il-fatt li l-Imputat dahal fil-garage, iskop taz-zjara u d-dati tad-dhul, ma tistax issib lill-Imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha kif migjuba kontra tieghu u sejra tilliberah.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Wara li rat l-Artikoli 263, 264 (1), 267, 270 kif ukoll l-Artikoli 49, 59 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[15] A fol. 107
[16] A fol. 107
[17] A fol. 32 u 34
[18] Ara fol. 66 u l-paragrafu 4 a fol 79 u fol 80

Din il-Qorti mhix qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberah.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**